

# Il-*Golly*

Tifkiriet ta' Paul J. Debono

Fil-15 t' April 1942, sebgħin sena ilu, ir-Re George VI għoġbu jiddekora lil Malta bl-għotja tal-*George Cross*. Dik il-ħabta, Malta kienet għaddejjja minn attakki ħorox mil-*Luftwaffe*, ħbit bla waqfien, l-aktar fuq il-Port il-Kbir u l-Kottonera. Mat-tifrik u l-qerda tal-bombi jrid jiżdied in-nuqqas t'ikel u l-mard maħluq mix-xelters.

F'dik l-istess ġurnata li ġie mogħti l-*George Cross*, il-vapur Malti l-*S.S. Golly*, ġie mgħarraq mill-bombi mixħutin mill-ajruplani Tedeski waqt li l-bastiment kien jinsab sorġut f'*Jelties Wharf*. Dakinhar ukoll, l-ajruplani tal-għadu qerdu żewġ luzzijiet tas-sajd f'Marsaxlokk.

Il-*Golly* kien ġie mibni fil-Ġappun fis-1912. Aktar tard xtrawh it-Taljani u matul is-sena 1916 kien użat mill-flotta Taljana għall-għanijiet tal-gwerra. Fis-sena 1963, il-Maltin xtraw il-vapur u bdew iħaddmuh bejn Malta u Għawdex.

Missieri, Giovanni (1889 – 1968), jiftakru tajjeb ħafna. Kont nisimgħu jgħid li kien vapur sod, ta' saħħa u jkun kif ikun il-baħar, ftit li xejn kont tarah jixxengel. Kont għadni żgħir, kelli forsi dawk il-ħdax-il sena, li smajtu jirrakkonta ġrajja ħelwa li sal-lum, minkejja li gerbu tant snin, għadha stampata f'moħħi.

Il-*Golly* kien jitħaddem mill-Port il-Kbir. Matul ix-xhur sajfin kien jagħmel aktar vjaġġi u ħafna kienu jħobbu jmorru miegħu, l-ewwel għax ma kienx jitbandal u t-tieni biex jieħdu pjaċir jaraw il-kosta ta' Malta sakemm jaslu Għawdex.

Matul is-sajf kienu jiġu organizzati bosta pellegrinaġġi lejn ta' Pinu. Il-Maltin ma kinux jonqsu li jmorru bi ħġarhom. Il-vjaġġ mill-Port il-Kbir kien ikun twil iżda fl-istess waqt tkun qed tieħu pjaċir f'dak l-ambjent.

Ninsabu fis-sena 1928 meta l-Patrijiet Agostinjani tal-Belt organizzaw pellegrinaġġ lejn ta' Pinu. Ħafna kienu dawk li marru magħhom, fosthom il-ġenituri tiegħi u ħija Ġużi li dik il-ħabta kellu tmien snin. Jien kont għadni *In Menstes Dei* u kien jonqosni ħames snin oħra biex nitwieled. Magħhom marret iz-zija Josephine jew kif konna nsibuha fi ħdan il-familja, iz-zija Peppa. Imexxi dan il-pellegrinaġġ kien hemm Patri Bonifaċ Bonello, saċerdot eżemplari, studjuż, għaref, tant jaf jipprietka.

Kulħadd rikeb il-vapur minn qiegħ id-Dwana. Il-baħar inzerta żejt, is-sema ikħal nir; b'dik is-sħaba bajda qotna 'l hawn u 'l hinn. Is-sbuħija tan-natura kienet qed tistieden lil kulħadd, tħabbar sigħat ta' sliem u serħan il-moħħ.

Il-*Golly* bil-qajla beda jiċċaqlaq u riesaq lejn fomm il-Port. Kien kostrett li jħaddem il-magna b'ritmu meqjus, għax dak il-ħin inzerta dieħel luzzu f'Għawdex bil-qlugħ tal-latini miftuħ, dehra sabiħa lakemm taraha. Imma l-vapur ma damx li qabad ir-rotta. Meta ħareġ minn bejn il-lanterni ma sabu ebda ħjiel ta' ċaqliq. Kulħadd beda jġerri għajnejh lejn is-swar dejjem jitbiegħdu, dehra li mkien ieħor fid-dinja ma ser issibha.

Bil-lajma l-vapur xaqleb lejn tas-Sliema u San Ġiljan. Tas-Sliema dik il-ħabta kienet ġmielha qed tinfirex waqt li f'San Ġiljan kien wasal li jitlesta l-bini tal-*Balluta Buildings*, binja l-ġmiel tagħha ta' stil *Art Noveau*. Il-baħar kien tant mogħni bis-sliem li għadd ta' gawwi dehru jittajru mar-rima bajda li beda jħalli warajh il-vapur. Ir-raġġi dehbien tax-xemx, jolqtu wiċċ il-baħar, bdew joħolqu eluf ta' xmux oħra!

Lanqas kienu laħqu għaddew għaxar minuti minn mindu l-vapur ħareġ minn fomm il-Port li ġemgħa nies anzjani, miġburin qrib il-pruwa, ġiethom f'rashom li jibdew ir-rużarju. Ħafna kienu dawk li kemxu xufftejhom, fosthom missieri, mhux għax dawn kienu kontra r-reċta tar-rużarju, 'il bogħod minn hekk. Xtaqu biss igawdu dik id-dehra sabiħa tax-xtajta ta' Malta, tal-ambjent madwarhom. Sakemm jaslu Ta' Pinu kien ser ikun hemm ħin biżżejjed għat-talb. Hekk ħafna bdew jgħiduh f'qiegħ qalbhom!

Ftit ħin qabel, Patri Bonifaċ deher riesaq lejn il-pruwa. Sama' lil dik jew dawk l-anzjani jistqarru xewqithom. It-twajjeb patri deher jaħseb, baqa' sieket u dam sakemm qal dak li kien qed iħoss. Fl-aħħar tkellem, kliem ċar u bla tlaqliq: *L-aħwa, m'hemmx ħtieġa li tibdew ir-rużarju minn issa. Sakemm noqorbu lejn Għawdex għad fadlilna ftit anqas minn sagħtejn oħra.*

*Imma Sur Patri*, qabżet anzjana, waħda twila u niexfa daqs tina mqaddsa, u b'għonq twil t'għarnuq: *Aħna ninsabu f'pellegrinaġġ.*

Il-Patri tbissem, xengel kemxejn rasu u bil-lajma wieġeb: *Hu kollu minnu dak li qed tgħid, biss ikun hemm min fostna li qed jagħmel dan il-vjaġġ matul il-kosta għall-ewwel darba.*

*Allura, Sur Patri, x'ser naqbdu nagħmlu?* Staqsiet l-anzjana, qisha serduq.

*Kif diġà fissirt – ħin għad fadal biżżejjed. Issa, meta naqbdu l-fliegu bejn Malta u Għawdex, ibdew ir-rużarju. Jien stess inkun l-ewwel wieħed fostkom.*

Missieri u ħafna oħrajn meta semgħu dak li seħħ, kollha taw raġun lill-Patri. Fid-dinja, kull xorta ta' fanatiżmu, kemm jekk ikun sport, politika, reliġjon fost l-oħrajn, hu ta' min jintemmu.

Għal tul ta' ħin dawk in-nies anzjani dehru bil-geddum, bixret wiċċhom mqarras. Iżda aktar mal-ħhin kompla għaddej fehmu li l-patri kellu raħun. Forsi ħadu pjaċir b'dak li bdew jaraw. Qrib is-Salini tfaċċa vapur b'ċumnija twila, kollu duħħan. Wara lemħu għadd ta' denfili jaqbżu u jiżfnu u għadd ta' sajjieda jixħtu n-nases għas-sawrell u ħut fiddien li tant huwa mfitex. B' hekk insew kollox u tbissima xirfet fuq fommhom.

Malli l-vapur ħalla warajh ix-xtajta ta' Malta u tfaċċat Kemmuna, l-istess Patri mar ħdejn l-anzjani u beda r-reċta tar-rużarju. Issieħbu magħhom dawk l-irġiel li kemmxu xofftejhom, fosthom missieri, xejn anqas Lucrezia, ommi, iżżomm minn idu lil ħija, hekk ukoll iz-zija Peppa. Sakemm waslu l-Imġarr, ir-reċta kienu spiċċawha.

Patri Bonifaċ kien mhux biss saċerdot eżemplari, kien xejn anqas rasu fuq għonqu, kien jifhem u jimxi fuq iċ-ċirkustanzi.

Nota:

Ħajr lis-Sur V. Wickman dwar id-dettalji li tani fuq il-*Golly*, hekk ukoll lill-*Friends of the Maritime Museum* tal-Birgu dwar dak li ġralu l-vapur fl-aħħar Gwerra Dinjija.

Din ġrajja li seħħet tassew u n-nies li jissemmew eżister għalkemm illum jinsabu fil-mistrieħ ta' Ġnien is-Skiet. Kull sajf il-ġenituri tiegħi kienu jkunu villeġġattura f'San Ġiljan u Patri Bonfiaċ għamel snin twal fil-kunvent tal-Agostinjani fi Triq il-Knisja, San Ġiljan.